## Play l-Oratorju

Għall-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Kumpanija Teatrali San Ġinezju tal-Oratorju tagħna, San Domenico Savio ta' Birkirkara, nhar is-Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Marzu ttella' id-dramm "L-Ikkundannata" f'żewġ atti. Il-professur Ġużè Aquilina kiteb b'tant ħila dan id-dramm li jwassal messaġġ addattat għal żmien ir-Randan. Produzzjoni kienet f'idejn Charles Scicluna u direzzjoni Ninu Borg.



## Hampers għall-Perù

Bħas-snin ta' qabel, iċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja tas-Socjetà tagħna ħaseb biex għal żmien ir-Randan, joffri proposta ħelwa lill-familji Maltin u b'hekk jaslu jferrħu familji fil-Perù.

Dan sar billi l-familji kienu mħeġġa jixtru xirja ta' *preserves* u affarijiet oħra tal-ikel, jagħmluhom f'kaxxi



Angele Borg, ma' Fr Giovann Cefai MSSP fil-Perù

u jġibuhom fiċ-Ċentru tagħna f'Santa Venera.

It-tfal ukoll kienu mħeġġin biex huma stess jixtru ħelu u gallettini u xi kultant ipoġġu xi ġugarell żgħir f'din il-kaxxa. It-tfal xtraw dan mill-*pocket money* tagħhom, ħalli jidraw jagħmlu sagrifiċċju għal żmien ir-Randan.

Il-kbar, imbagħad kienu mħeġġa jpoggu fil-kaxxa ross, zokkor, bottijiet tal-polpa, kunserva, ton taż-żejt, ħalib tal-bott u pakketti ta' sopop.

Min ried seta' wkoll jibgħat €20 biex nixtru l-affarijiet aħna, u nimlew li-*hampers* aħna. Dan jgħin ukoll għall-ispejjeż biex nibagħtu l-kontejner.

Angele Borg, li kienet marret il-Perù u li flimkien mal-patrijiet qassmu dawn il-kaxxi, rat il-ferħ u t-tbissima tat-tfal u l-kbar meta qassmu dawn il-kaxxi bl-ikel. Rat l-apprezzament f'wiċċ il-Peruvjani għax il-Maltin ħasbu fihom. Dan hu s-sodisfazzjon li l-Maltin għandhom ikollhom meta huma jikkonkorru u jgħinu, anke jekk forsi b'affarijiet żgħar .

Grazzi mill-qalb
Marthese Brincat



## Fundazzjoni Librerija

Ħu sehem fil-formazzjoni tal-istudenti tagħna billi twaqqaf ***Fundazjoni Librerija***. Dan tista' tagħmlu billi toffri €117 darba biss. B'dawn il-flus inkunu nistgħu nixtrulhom il-kotba ġodda li joħorġu minn żmien għal żmien biex iservuhom għall-istudju tagħhom.





# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-ĦBIEB

April 2011 / Għadd 457 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

## Viżita Kanonika lill-Missjonijiet MSSP

*Għadni kif spiccajt il-viżita lill-missjonijiet kollha tas-Soċietà tagħna, ħaġa li titlobha l-Knisja u li għandha ssir kull tlett snin. Din kienet okkażżjoni oħra għalija li nara b'għanejja l-ħafna xogħol li qed iwettqu l-missjunarji tagħna kull fejn jinsabu.*

Il-ħidma tagħna f'Malta hi ċertament magħrufa biżżejjed magħkom, għalhekk ser naqsam ftit ħsibijiet magħkom fuq il-missjonijiet l-oħra.

Fl-Awstralja u fil-Kanada, l-membri tagħna, għalkemm mhux esklussivament, qed iwettqu ħafna ħidma spirtwali fost l-emigranti Maltin u d-dixxendenti tagħhom. Illum, ġeneralment, l-aktar li jibbenefikaw minn din il-ħidma huma fil-maġġoranza tagħhom anzjani bil-bżonnijiet kollha li ġġib magħha l-età avvanzata.

Fil-pajjizi fqar fejn naħdmu, allura fil-Perù, Pakistan u l-Filippini, l-parroċċa hi mhux biss ċentru ta' ħidma spirtwali u ta' evanġelizzazzjoni, imma tkopri wkoll ħafna ħidmiet f'diversi oqsma: edukazzjoni, snajja, mediċina, tqassim ta' ikel lix-xjuh u t-tfal u ħafna ħtiġijiet soċjali oħra li n-nies foqra tant ikollhom bżonn. Il-parroċċi, ħafna drabi, ikollhom numru kbir ta' parruċċani u li xi drabi jkunu imxerrdin ħafna, allura ix-xogħol jirdoppja.

Huwa dejjem ta' ħafna ferħ u konsolazzjoni għalija meta nisma' tant kliem ta' tifħir u ta' rikonoxxenza minn awtoritajiet ċivili u tal-knisja, għall-ħidma fejjieda tal-missjunarji tagħna. Imma l-aktar li jimlieli 'l qalbi b'tant ferħ, huwa meta nara l-imħabba u r-rispett li għandhom l-istess fqar lejn il-missjunarji tagħna. Tisma' stejjer ta' nies li sabu ruħhom f'sitwazzjonijiet l-aktar diffiċli u ħarġu minnhom bl-intervent fil-pront tal-missjunarji. Rajt tant tfal u anke żgħażagħ kollhom ħajja, ferħ u enerġija li nista' ngħid kienu ġew misruqa minn ħalq il-mewt ftit tal-ġimgħat qabel.



Fr Bernard Mangion MSSP

Kemm nirringrazzja 'l Alla bil-qalb għall-ġenerożità li biha intom il-benefatturi twieżnu l-ħidma tal-missjunarju tagħna u, fit-talb tiegħi, spiss ngħid talba lill-Mulej ħalli jbierek il-ġenerożità tagħkom bil-mija fil-wieħed. Il-kontribuzzjonijiet tagħkom jgħinu tant nies li ħadd ma jiftakar fihom.

Ħaġa oħra li dejjem imlietni b'kuntentizza liema bħala hija meta nara l-knejjes mimlijin bin-nies, fosthom ħafna żgħażagħ u tfal. Tant ifaħħru lill-Alla bil-qalb, u l-kant tagħhom kollu ħeġġa,li kien iqanqalni

*ikompli f'paġna 3*

# St. Paul's Missionary College Junior School (MSSP)



*Il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, imwaqqaf fl-1964, ilu minn dak iż-żmien joffri edukazzjoni ta' kwalità lill-istudenti tiegħu. Minn żmien għal żmien ifeġġu sfidi ġodda. Bħalissa għaddejja ir-Riforma fl-Edukazzjoni (mnehdija fl-2008).*

Mill-ewwel deher li din kien ser ikollha impatt qawwi fuq il-Kulleġġ tagħna. Min-naħa tagħna, bħala skola tal-Knisja, tajna il-kelma li nimpenjaw rwieħna bis-sħiħ fiha, u għalhekk bdejna d-diskussjonijiet interni dwar il-mod kif se nwieġbu.

Il-*Common Entrance Examination*, li għal ħafna snin serva ta' għodda sabiex jidħlu studenti ġodda fil-Kulleġġ tagħna, issa spiċċa. L-adozzjoni ta' sistema bbażata fuq polza, se tfisser li l-istudenti l-ġodda tagħna se jkollhom abiltajiet varji, kif ukoll aktar xeħtiet differenti.

Iddiskutejna din ir-rejaltà fil-Komunità, mal-għalliema, ġenituri, u saħansitra ma' studenti tal-Kullegg, Ikkunsidrajna diversi possibiltajiet. Fosthom li nżidu l-klassijiet fis-Sezzjoni Sekondarja. Rajna li l-aħjar għalina jkun li nwaqqfu l-iskola primarja tagħna: St. Paul's Missionary College Junior School. Dan ifisser li l-istudenti jidħlu fil-Junior 1 (l-ewwel sena tal-Primarja) ta' ħames/sitt snin, u jibqgħu fil-Kulleġġ sas-Senior 5, meta



jitilqu ta' ħmistax/sittax-il sena. Billi dejjem emminna li lill-istudent trid tarah bħala bniedem sħiħ, tul is-snin li l-istudent jgħaddi fil-Kulleġġ tinghatalu l-attenzjoni individwali u meħtieġa fid-diversi oqsma tal-personalità tiegħu. Għalhekk niffokaw fuq il-qasam akkademiku, fiżiku, psikoloġiku, soċjali u spiritwali. F'kelma oħra: edukazzjoni ħolistika, li tifforma parti mill-*ethos* Kattoliku tal-Kulleġġ

Malli ġie deċiż li l-Kulleġġ se jespandi lejn is-Settur Primarju, bdiet il-ħidma sabiex tinbena il-Junior School. Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl offriet il-Bini ta' dak li kien id-De Piro Youth Centre u z-zona ta' madwar. Saru l-pjanijiet w inbeda ix-xogħol tal-bini. Inbeda x-xogħol fuq it-tagħmir ta' ġewwa (sabiex l-skola li jkollha l-bżonnijiet kollha meħtieġa għaż-żminijiet tallum), kif ukoll fuq l-organizazzjoni tal-istess skola. Il-pjan tagħna huwa li sas-sajf li ġej ix-xogħol il-kbir ikun lest, u l-iskola tkun il-post adattat fejn nedukaw lill-istudenti żgħar li l-ġenituri se jafdawlna f'idejna. L-ewwel studenti jidħlu f'Settembru li ġej (2011).

Kif wieħed jista' jimmaġina, proġett bħal dan jiswa ħafna... enerġija, taħbit, u flus. L-ispiża kapitali rridu nidħlu għaliha aħna. Bħal dejjem, nafdaw fil-providenza ta' Alla li qatt ma naqsitna, u bil-għajnuna ta' ġenituri u benefatturi, naslu biex intemmu dan il-proġett.

Minn issa, f'isem dawk kollha li se jiggwadanjaw, nirringrazzjakom tal-għajnuna li tistgħu tagħtuna biex inkunu nistgħu inwettqu din l-opra favur l-edukazzjoni f'pajjiżna.

Fr Silvio Bezzina mssp
Rettur

# Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet Reliġjużi u MSSP No.4

## Sorijiet Franġiskani

*Fil-ħafna x-xogħolijiet li kellu Mons. De Piro, ħadem fil-qrib ma' diversi kongrezzjonijet ta' sorijiet jew minħabba t-tfal tal-istituti li kellu f'idejh, jew bħala għajnuna għall-istess kongregazzjonijiet.*

Wara l-mewt ta' Fra. Diegu Bonanno O.F.M, il-patrijiet Franġiskani Minuri ma' setgħux ikomplu jmexxu dan l-istitut. Għalhekk l-istitut waqa' taħt ir-responsabiltà tad-Djoċesi. L-Isqof Pietru Pace ried isib persuna adatta biex immexi din l-opra ta' karità. Wara li sema' l-parir ta' Dun Ġorġ Bugeja, għażel lil Mons. De Piro. Dan kien fit-2 ta' Awwissu 1907, uffiċċju li baqa' fih għal 26 sena, jiġifieri sakemm miet.

Meta Mons. De Piro mar f'dan l-Istitut, hemm iltaqa' mas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn is-sorijiet, li għall-ewwel kienu jġibu l-isem ta' Terzjarji Franġiskani, kien ilhom f'dan l-Istitut sa minn żmien Fra Diegu.

Hawn Mons. De Piro ma' kienx biss missier spiritwali ta' dawn it-tfal bniet, imma ukoll kien ta' għajnua kbira għal din il-Kongrezazzjoni li kienet għada fil-bidu tagħha.

Infatti, Madre Margerita li kienet Superjura Ġenerali tal-Kongrezazzjoni u kienet wkoll meqjusa bħala l-fundatriċi, kemm-il darba kienet tikteb lill-Fundatur għall-pariri.

F'waħda mill-ittri tagħha nsibu; *"...Jien nġedded ir-ringrazzjamenti... mhux biss għall-imgħoddi, imma wkoll għal dak li, kif nittama, fil-tjubija ta' Alla, għad tagħmel fil-ġejjieni għall-ġid tal-għażiża komunità tagħna. Din il-kommunità lilek tqisek bħala Superjur Generali...kif tixtieq... il-qaddejja umli tiegħek u bintek, Suor Margerita."*

Il-fiduċja li kellha Madre Margerita fil-Fundatur tkompli jidher meta hi ressqet lejh it-talba tagħha biex tara jgħinhiex biex dik il-Kongrezazzjoni tkunx tista' tasal għall-approvazzjoni pontifiċja.

Dawn is-sorijiet insibuhom aktar tard jaħdmu qrib is-Soċjetà tagħna għal ħafna snina fl-Istitut ta' San Ġużepp, Santa Venera u għal numru ta' snin oħra fid-Dar ta' Sant Agata fir-Rabat.






Madres Margerita DeBrincat

*Jisokta darba oħra.*

**Dan it-tagarif ġie meħud mill-ktieb ta' Fr. Alex. Bonnici o.f.m.cov. "Mons. G. De Piro" vol 1/11*

*ikompli minn paġna 1*

u mhux darba u tnejn ġabli d-dmugħ ta' ferħ f'għajnejja.

Rajt u missejt b'idejja l-bżonn kbir tas-saċerdoti u tar-reliġjużi u, fl-istess waqt, kont inħoss għafsa ta' qalb meta niftakar bil-probema tan-nuqqas ta' vokazzjonijiet. Kemm kellu raġun jgħid il-Mulej: "Il-ħsad huwa kbir imma l-ħaddiema huma ftit. Itolbu, mela, lill-Sid il-ħsadb biex jibgħat aktar ħaddiema fil-ħsad tiegħu."

**Fr Bernard Mangion mssp**
**Superjur Ġenerali**